SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2024 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2025-2026. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-Ewwel Sena Primarja.

## Subien tal-Ewwel Sena Primarja Mainstream

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna total ta' erbgħa u erbgħin (44) post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla, Birkirkara u tal-Imsida. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream.

It-total ta' postijiet mainstream imħabbra fir-Regolamenti huwa ta' 238. Però nbidlu żewġ (2) postijiet mainstream minn tal-bniet għas-subien mainstream. Għalhekk b'dawn l-aġġustamenti t-total ta' postijiet vakanti mainstream jiġi mitejn u erbgħa u tmenin (238+44+2=284) post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | | **Applikanti** |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 22 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 68 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 6 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 52 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 16 |
| ***Total*** | | **164** |

## Subien tal-Ewwel Sena Primarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:

| | | |
|---|---|---|
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 7 |
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 2 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 12 |
| *1a* | *Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 2 |
| ***Total*** | | **23** |

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għas-subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 24 post. Sabiex l-applikanti kollha bil-għajnuna tal-L.S.E. jiġu offruti post tlett (3) postijiet minn tal-Każijiet Serji Bniet inbiddlu f'Każijiet Serji Subien. Għalhekk it-total ta' postijiet bis-sapport huwa ta' 27 (24+3=27) post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, il-postijiet disponibbli jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

### Subien tal-Ewwel Sena Primarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien każijiet soċjali huwa ta' erba' (4) postijiet. Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

### Subien tal-Ewwel Sena Primarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien każijiet tal-ażil huwa ta' sebgħa (7) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

### Bniet tal-Ewwel Sena Primarja Mainstream

Skont Ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet vakanti mainstream huwa ta' 272. Però nbidlu żewġ (2) postijiet mainstream minn tal-bniet għas-subien mainstream. Post (1) każ soċjali inqaleb għal mainstream. Wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna tmienja u għoxrin (28) post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla, Birkirkara u tal-Imsida. B'dawn l-aġġustamenti t-total ta' postijiet vakanti huwa ta' mitejn u disgħa u disgħin (272-2+1+28=299) post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | | **Applikanti** |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 14 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 43 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 12 |
| *1ċ 1ġ* | *Aħwa u ta' Impjegati fi skola oħra* | 1 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 44 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 2 |
| ***Total*** | | **116** |

Irċevejna applikazzjoni għal talba ta' trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d li bħalissa ma għandhomx postijiet vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti din l-applikanta tinkiteb fiha. Din mhux inkluża fit-tabella t'hawn fuq.

Erba'applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d u setgħu jiġu akkomodati. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola se jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu. Dawn mhux inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt

## Bniet tal-Ewwel Sena Primarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti, n-numru ta' postijiet offruti għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 22 post. Tlett (3) postijiet minn tal-Każijiet Serji Bniet inbiddlu f'Każijiet Serji Subien. Għalhekk it-total ta' postijiet bis-sapport huwa ta' 19 (22-3=19) -il post. Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, il-postijiet disponibbli jiġu l-ewwel offruti għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1c Aħwa* | 1 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 4 |
| ***Total*** | **5** |

## Bniet tal-Ewwel Sena Primarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja bniet każijiet soċjali huwa ta' għaxar (10) postijiet. Post (1) inqaleb minn każ soċjali għal *mainstream*. Għalhekk it-total ta' postijiet każijiet soċjali huwa ta' 9 (10-1=9) postijiet.

Ma rċevejna l-ebda applikazzjoni għal każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

## Bniet tal-Ewwel Sena Primarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja bniet każijiet tal-ażil huwa ta' tmien (8) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

**Konklużjoni**
Ser jiltlaqgħu applikazzjonijiet għas-subien u għal bniet: mainstream, bis-sapport tal-L.S.E, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Jekk ħuthom ikunu applikaw f'livelli ogħla u nkitbu fi skola, iż-żgħar ikunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **30 ta' Jannar 2025**

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt